MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2004/2002

**Avviz Numru 2004/02 AJD**
**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Sunshades Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Awissu, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u tmienja u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm158.54) rappresentanti prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni mal-‘mobile phone’ bin-numru 99428537.
Bl-ispejjes u bl-interessi kontra s-socjeta’ konvenuta mid-data meta l-ammont mitlub sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Beppe Fenech Adami in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u tmienja u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm158.54), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**